# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Edwina Grima

Appell Nru. 121/2017

Seduta tat-30 ta' Ottubru 2019

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Kisinchand Mohnani**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti Kisinchand Mohnani, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 201621 P akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-17 ta' Novembru, 2014 kif ukoll fil-jiem ġewwa l-fond bin-numru 254 'Regency House', Triq ir-Repubblika il-Belt Valletta;

1) Bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel, bl-awtorita' tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew esegwixxa obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lil xi ħadd fil-pusssess ta' ħwejjġu, jew ħatta bini, jew kisser il-mixi tal-ilma jew ħa l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, indaħal fil ħwejjeġ ħaddieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-7 ta' Marzu, 2017 fejn il-Qorti sabet lill-imputat Kisinchand Mohnani ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' €1,000 li għandha titħallas fi żmien sentejn ratelament bl-ewwel

pagament issir dovut fl-aħħar t'April 2017.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kisinchand Mohnani, ppreżentat fit-16 ta' Marzu, 2017, fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi fl-aggravju ewlieni minnu imqanqal l-appellant jilmenta illi l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma kenux bizzejjed b'sahhithom sabiex iwasslu ghal prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni dwar l-element doluz mehtieg ai fini ta' reita' ghal uniku reat lilu addebitat. Dan ghaliex fil-fehma tieghu l-appellant qatt ma ippretenda li kellu xi jedd illi jokkupa l-parti komuni ta'l-istabbiliment fejn huwa ghandu l-hanut tieghu u cioe' dik il-parti tal-kuridur u entratura bl-i*stands* tal-merkanzija li huwa jesponi ghal bejgh. Mhux biss izda jishaq illi sabiex tiddahhal il-merkanzija fil-hanut u sabiex isir it-tindif u manutenzjoni ta'l-imsemmi hanut dawn l-i*stands* bil-fors illi jridu jinhargu temporanjament fil-passagg. B'dan l-agir l-appellant bl-ebda mod ma kien qed jenforza xi dritt minnu pretiz billi huwa kien konsapevoli tal-fatt illi tali dritt ma kienx jappartjeni lilu.

Illi l-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti probatorji u dan ai fini biex jigi stabbilit jekk l-Ewwel Qorti erratx meta wasslet ghal konkluzjoni illi fil-fattispecje ta' dan il-kaz kienu jinkwadra rwiehhom l-elementi ta' dritt li isawwar ir-reat ta' 'l hekk

imsejjah *ragion fattasi* kif imfassal fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. Illi f'Diċembru tas-sena 2014 il-pulizija ircevew kwerela għan-nom tas-sidien ta' Regency House, gewwa l-Belt Valletta u cioe' Bernardette Apap Bologna, Louis Bellizzi u Dr. Philip Manduca, fejn ġie allegat illi fis-17 ta' Novembru 2014 u fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel, ġewwa l-partijiet komuni ta' Regency House, l-appellant kien qed jikkometti r-reat ta' *ragion fattasi* u dan billi kien qed jesponi diversi oġġetti għall-bejgħ, bhal *souvenirs* u oġġetti oħra simili, fil-partijiet komuni tal-binja meta ma kellu l-ebda jedd sabiex jagħmel hekk. Il-pulizija marru fil-fond fejn madankollu ma ġie nnutat xejn minn dak allegat. Madankollu abbazi tar-ritratti li kienu ttieħdu mill-parti leza li kienu jindikaw dak allegat, inħarġu l-akkużi relattivi kontra l-appellant.

Fix-xiehda moghtija minnu l-appellant jisħaq illi hu għandu ħanut żgħir ġewwa Regency House fi Triq ir-Repubblika, fejn ibiegħ *souvenirs* li jkunu eżebiti fil-vetrina tal-ħanut u fejn anki jdendel *souvenirs* oħra u xi merkanzija fuq *stand* li hemm fil-ħanut. Peress li dan il-ħanut mhux kbir, huwa jistiva l-kaxxi, uħud minnhom goffi, kontenenti l-merkanzija li tkun ser tinbiegħ mill-ħanut tiegħu fil-*basement* ta' l-istess stabbiliment. Kuljum il-lavranti tiegħu jtellgħu din il-merkanzija mill-*basement* sabiex l-istess tiġi esposta għal bejgħ. Sabiex jagħmel hekk ikollu joħroġ l-i*stands* fil-passagg jew kuridur temporanjament sakemm idaħħalhom fl-vetrina liema ezercizzju isir ukoll sakemm il-vetrini jitnaddfu. Jishaq illi huwa mhux qed jippretendi l-ebda dritt fuq dawn il-partijiet komuni u li meta ħareġ dawn l-oġġetti, dawn inħarġu teporanjament sakemm isir ix-xogħol ta' tindif jew manutenzjoni meħtieġa fil-ħanut tiegħu.

Madankollu, l-ewwel Qorti ma tatx affidament lix-xiehda tal-appellant meta kienet tal-fehma illi hu kien qed iħalli dawn l-oġġetti esposti għal tul ta' ħin konsiderevoli u mhux ghall-iskop minnu indikat u ghalhekk konsegwentement sabitu ħati tar-reat lilu addebitat.

Ikkunsidrat:

Illi il-ġurisprudenza li titkellem dwar l-elementi ta' dritt li isawwru ir-reat ta' 'l hekk imsejjah *ragion fattasi* hija wahda kopjuza, u li giet esposta mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata. Dak li jilmenta minnu l-appellant izda huwa li mhux l-elementi kollha jirrizultaw ippruvati mill-fatti probatorji u dan ghaliex b'mod ewlieni l-att materjali kostituttiv ta' dan ir-reat u cioe' l-okkupazzjoni mill-appellant tal-proprjeta tal-parti leza minghajr il-kunsens preventiv taghhom ma sarx bl-ezercizzju ta' xi dritt li kien qed jippretendi illi ghandu.

> "Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju .
>
> Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet . L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.[1]"
>
> "Hu risaput – u dan, del resto johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina – li l-istess att materjali jista jaghti lok ghar-reat ta' *ragion fattasi* jew ghal iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana ir-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu irrilevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika. Fi kliem il-gurista Antolisei: "quanto all'elemento soggettivo generalmente si afferma che occorre un dolo specifico, il quale sarebbe costituito dal fine di esercitare un preteso diritto. Questa opinione deriva da una inesatta nozione del dolo specifico. Il fine di esercitare un preteso diritto, invero non e' altro che l'intenzione di farsi ragione da se medesimo, e siccome questo 'farsi ragione ecc' non e un quid che sta al di la del fatto che costituisec il reato, ma il fatto medesimo (azione ed evento) il dolo richiesto deve ritenersi generico, e non specifico"[2]

Dan ghaliex:

> 'id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat- tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi

[1] Il-Pulizija vs Eileen Said deciza App.Inf 19/06/2002
[2] Il-Pulizija vs Mario Lungaro deciz App.Inf. 15/11/1996

**li ghandu[3].”**

Ikkunsidrat:

Illi l-kontestazzjoni ewlenija tal-appellant tikkonċerna l-fatt illi fil-fehma tiegħu ma tressiqtx il-prova tal-*mens rea* u cioe' tal-intenzjoni doluza mehtieg sabiex jissussisti r-reat. Illi huwa indubitat illi l-att materjali gie ippruvat, izda ghalkemm l-parti leza tinsisti illi l-appellant jokkupa l-parti tal-kuridur quddiem il-hanut tieghu b'mod regolari meta johrog l-i*stands* tal-merkanzija u jesponi ghalhekk dawn l-oggetti ghal bejgh, l-appellant jishaq illi dan jaghmlu biss temporanjament sabiex inaddaf il-hanut jew jistiva l-merkanzija peress illi l-hanut huwa zghir. Illi l-Ewwel Qorti madanakollu ma tatx affidament lil verzjoni moghtija mill-appellant. Fil-fatt din il-Qorti ma tara li hemm l-ebda motiv li jista' igieghlha titbieghed minn dan l-apprezzament maghmul, ukoll tenut kont tar-ritratti esebieti li jindikaw illi dawn l-i*stands* mhumiex imqieghda fil-passagg biss ghal hin temporanju sabiex isir dak allegat mill-appellant. Fil-fatt jidher parti sewwa mil kuridur okkupata b'dawn l-oggetti sahansitra quddiem hwienet ohra li huma maghluqa b'*shutter*, b'merkanzija ohra tidher imdendla mis-saqaf u mal-post fejn hemm it-tabella bl-isem ta' dawn il-hwienet maghluqa.

Dan maghdud madanakollu ma hemm l-ebda prova in atti li dak li ghamel l-appellant ghamlu biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu u minflok irrikorra ghall-awtoritajiet gudizzjarju sabiex din il-kredenza ta' dritt tigi determinata huwa pogga l-merkanzija tieghu f'dan il-passagg jew kuridur. Issa ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet illi l-appellant igawdi dritt ta' kera unikament fuq il-hanut li huwa jokkupa. Ghalkemm il-kuntratt tal-kera qatt ma gie esebiet in atti, madankollu jidher illi fuq dan il-punt hemm qbil. Meta mistoqsi fix-xiehda tieghu jekk huwa dehrlux allura li ghandu xi dritt li jokkupa dan l-ispazju, huwa jichad anzi l-parti leza stess ighidu fix-xiehda taghhom li meta kellmu lill-appellant u tallbuh inehhi din il-merkanzija mill-

[3] Il-Pulizija vs John Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.

partijiet komuni huwa ma qalilhomx li ghandu dritt jaghmel dan izda semplicement illi dan kien xoghol l-impjegati tieghu li sar ad insaputa tieghu. Ma hemmx l-icken prova in atti allura illi l-appellant kellu l-kredenza li qed jaġixxi bi dritt meta dawn l-affarijiet tħallew barra fil-passagg. Li hu qed jikser l-obbligi kuntrattwali tiegħu huwa evidenti, kif inhu evidenti ukoll illi bit-tqeghid tal-merkanzija fil-proprjeta ta' haddiehor huwa hati tar-reat kontravvenzjonali mahsub fl-artikolu 340(d) tal-Kodici Kriminali, b'liema reat, madanakollu l-appellant ma giex mixli. L-artikolu 340(d) fil-fatt johloq ir-reat kontravvenzjonali f'kull minn "bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, jagħmel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'oħra f'dan il-Kodiċi."

> **"il-hsara ravvizata fil-paragrafu (d) ta' l-Artikolu 340 mhix semplicement hsara kwantifikabbli fi flus, bhalma hu, per ezempju, il-kaz tal-hsara kagunata bis-serq (Art. 267, 279, 285, u 334(a) Kap. 9), jew tal-hsara konsegwenti ghal reati ta' frodi (Art. 310) jew ghar-reat ta' hsara volontarja fi proprjeta` mobbli jew immobbli (Art. 325). Il-hsara kontemplata fl-Artikolu 340(d) tavvera ruhha kull darba li, bil-vjolazzjoni tal-proprjeta` li tkun saret, is-sid jew id-detentur ta' dik il-proprjeta` jkun sofra xi pregudizzju anke jekk mhux kwantifikabbli fi flus jew li ma jkunx jikkonsisti fi hsara materjali. In fatti f'dan is-sens hija aktar korretta l-espressjoni wzata fit-test Ingliz tad-disposizzjoni in dizamina – "...to the prejudice of the owner or holder thereof...". Hekk, per ezempju, gie ritenut li anke s-semplici skomodu li wiehed irid joqghod inehhi karta mwahhla fuq il-windscreen ta' vettura qabel ma jkun jista' jibda jsuqha jammonta ghall-hsara ravvizata fl-Artikolu 340(d) (Il-Pulizija v. Gianni Nicola Cassar, Qorti Kriminali, 1/3/1958 – f'dan il-kaz il-vjolazzjoni kontra l-proprjeta` kienet tikkonsisti fis-semplici manumissjoni talvettura biex titwahhal il-karta). Hekk ukoll fil-kaz Il-Pulizija v. Philip Agius (Qorti Kriminali, 25/1/1958) gie ritenut li l-hsara in kwistjoni tista' tikkonsisti semplicement filli xi hadd jezercita dritt fuq bicca art b'menomazzjoni tad-drittijiet tas-sid jew tad-detentur ta' dik l-art.[4]"**

Illi huwa dak li fil-fatt sehh fil-kaz odjern bl-invazjoni tal-proprjeta tal-kwerelanti mill-appellant b'dan illi tali invazjoni qed tohloq pregudizzju u hsara lid-drittijiet taghhom bhala sidien ta' dan il-fond. Kif inghad, madanakollu l-appellant mhuwiex mixli bil-kummissjoni ta' dan ir-reat kontravvenzjonali u kwindi din il-Qorti ma tistax issibu hati ta'l-istess.

[4] 06/01/2003 – Il-Pulizija vs emanuel Vellaapp.Inf

Kwindi nieqsa l-prova sal-grad rikjest dwar il-kredenza jew il-pretensjoni ta' dritt fl-appellant, allura l-element intenzjonali huwa mankanti mill-fattispecje tal-kaz. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti ma setgħetx legalment u raġjonevolment tasal sabiex issib lill-appellant ħati mis-sempliċi fatt wahdu illi huwa kien qed jesponi dawn l-effetti għal bejgħ għal tul ta' ħin konsiderevoli. Kif inghad, apparti d-drittijiet civili spettanti lill-kwerelanti skont il-ligi, il-fattispecje ta' dan il-kaz aktar jinwkadraw rwiehhom fir-reat kontravvenzjonali mahsub fl-artikolu 340(d) tal-Kodici Kriminali, milli f'dak mahsub fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Qorti nhar is-7 ta' Marzu, 2017 u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena.

Edwina Grima
Imhallef